# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

Kappella sabieha hafna dedikata lil Ommna Addolorata tinsab gewwa r-rahal ta' l-Imqabba. Hekk kif taraha issahhrek meta tilmaha imdawwra bis-sigar taz-zebbug, palm u olenandri.

Il-knisja hija wahda antika hafna u fil-bidu kienet iddedikata lil Marija Assunta.



Minhabba li kienet zghira fid-daqs ghall-htigijiet spiritwali tan-nies ta' dawk l-inhawi l-isqof Molina hajjar lil zewg sacerdoti biex jibnuha mill gdid; u hekk ghamlu fis-sena 1680. Zmien wara l-knisja kienet traskurat u abbandunata sakemm xi 150 sena wara l-isqof Ferdinando Mattei qieghda that il-harsien ta' Dr Giovanni Schembri li daraha sewwa u biddle it-titular taghha ghal dik ta' Marija Addolorata. Zied kampnar zghir b'qmpiena tal-bronz u zuntier madwar l-knisja. Zera xi sigar biex jaghti ambjent aktar sabieh lil kappella. Il-pittura ta' l-artal maggur hija ta' Antonio Grech.
Il-kappella ghaddiet ghand il-familja Pullucno billi dan izzewweg lil bint Dr Giovanni Schembri.

Fost dawn insibu li Monsinjur Pullicino żejjen lil knisja b'lampier u ostensorju tal-fidda kif ukoll b'tapit. Il-qanpiena l-antika tal-bronz li kienet saret fi zmien Dr. Schembri inbidlet qabel il-gwerra minn Sir Philip Pullicino.

Jekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-knisja llum jara li għandha saqaf imdawwar, mibni fuq ħnejjiet u kampnar żgħir. Fuq il-bieb prinċipali tal-Knisja, mal-faċċata, hemm

niċċa bi statwa ħelwa tal-Madonna, li saret madwar 60 sena ilu. Ġewwa, fiha artal tal-ħaġar, b'tabernaklu tal-irħam. Hemm ukoll Via Sagra u relikwarju.

Il-Knisja tkompli tiżżejjen b'aktar opri

Jidher li minn dejjem kien hemm qima kbira lejn din il-knisja imma jidher li din żdiedet b'mod specjali wara l-aħħar gwerra bis-saħħa tal-Leġjun ta' Marija. Kienet daħlet drawwa li wara nofs in-nhar kollu, speċjalment meta tingħata l-barka sagramentali fil-Parroċċa ta' Santa Marija, ħafna nies kienu jmorru flimkien biex jinvistaw lid-Duluri u jgħidu kurunella jew xi talb ieħor, immexxijin minn xi membri tal-Leġjun ta' Marija.

Bis-saħħa tal-Leġjun ta' Marija, u peress li kibret id-devozzjoni, żdiedu l-offerti. Fil-fatt bis-saħħa tagħhom sar ħafna xogħol fil-knisja. Fost l-oħrajn sar pavimentar ġdid fil-knisja, sar ir-restawr tal-kwadru devot ta' Marija Addolorata li bil-gwarniċ skolpit u l-indurar sewa ħafna flus. Żdiedu ukoll is-siġġijiet fil-knisja u sar ventartal ġdid. Sar ukoll xi tibdil strutturali bħal tkabbir tat-twieqi ta' wara, biex jagħtu aktar dawl lil din il-knisja.

Fis-sena 1950 inħadmet ukoll statwa tal-Madonna għan-niċċa li hemm mal-faċċata fuq il-bieb tal-knisja, li qabel kienet baqgħet battala. Ix-xogħol tal-istatwa ħelwa tal-ġebel ħallas għalih Franġisku Saliba u l-iskultur kien Marco Montebello. Ħafna minn dan ix-xogħol sar bit-tħabrik tar-rettur tal-knisja ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Xuereb.

Sfortunatament, bħal ħafna knejjes oħra bħalha, il-Knisja sofriet xi ħsarat fl-aħħar gwerra dinjija. Il-kampnar ġie milqut u mġarraf, imma dan reġa' nbena akbar u aħjar wara l-gwerra mill-imgħallem Baskal Xuereb. Intilfu ukoll xi paramenti sagri meta dawn kellhom jitneħħew minn din il-knisja minħabba ċ-ċokon tagħha. Dawn l-affarjiet sagri ittieħdu lejn il-knisja parrokkjali tal-Mqabba li ġġarrfet u nqered kull ma' kien fiha. Ta' min isemmi li matul il-gwerra din l-knisja kienet tintuża bħala skola primarja.

Il-Knisja Llum

Mill-inventarji, inkluż dak iddettaljat tal-1919, ma jidhirx li qatt kien hemm xi vara marbuta ma' din il-kappella. L-istatwa tad-Duluri li tinħareġ fil-Festa tad-Duluri kienet saret bl-inizjattiva tal-Kappillan Dun Anton Vella u kienet inħadmet mill-Istatwarju Mqabbi Glormu Dingli. Din kienet tbierket fl-1977. Fl-istess żmien, jiġifieri fl-1977, saret il-pittura tas-saqaf mill-Imqabbi Rosario Zammit. Din il-pittura tirrafigura s-seba` duluri tal-Madonna.

Il-Knisja llum tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna, u tinfetaħ kuljum għall-adorazzjoni.